# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL EWROPEW

## tat-30 ta' Awwissu 2014

## li taħtar ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà

(2014/639/UE)

IL-KUNSILL EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 18(1) tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew 2009/950/UE, li ttieħdet bil-qbil tal-President tal-Kummissjoni [1], tal-4 ta' Diċembru 2009, ħatret ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà sal-31 ta' Ottubru 2014.

(2) F'konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 17(7) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-President, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-membri l-oħra tal-Kummissjoni huma soġġetti bħala grupp għal vot ta' approvazzjoni mill-Parlament Ewropew.

(3) Jeħtieġ li jinħatar ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà għall-perijodu mit-tmiem tal-mandat attwali tal-Kummissjoni sal-31 ta' Ottubru 2019.

(4) Il-President elett qabel dwar il-ħatra tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Is-Sinjura Federica MOGHERINI hija b'dan maħtura Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà għall-perijodu mit-tmiem tal-mandat attwali tal-Kummissjoni sal-31 ta' Ottubru 2019.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi nnotifikata lis-Sinjura Federica MOGHERINI mill-President tal-Kunsill Ewropew.

Hija għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tan-notifika tagħha.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Awwissu 2014.

*Għall-Kunsill Ewropew*

*Il-President*

H. VAN ROMPUY

[1] ĠU L 328, 15.12.2009, p. 69.